**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 722/97

Mario Galea

vs

Kap Kmandant Forzi Armati

Illum 15 ta’ Mejju, 2001.

It-Tribunal, ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995, ir-rikorrent sofra ngustizzja peress li ma nghatax promozzjoni li kien ikkwalifikat ghaliha.

Illi l-fatti tal-kaz kienu kif gej:

1. Illi r-rikorrent dahal fl-Armata fis-sena 1977 u malli spicca ir-reklutagg gie pposizzjonat mat-“Third Battery” fejn ta’ kuljum kien jittejnja fl-infanterija, route marches u fl-isparar.

2. Illi fis-sena 1990, ir-rikorrent inghata promozzjoni ghar-rank ta’ Lance Bumbardier.

3. Illi bejn is-snin 1990 u 1995 regghu hargu diversi promozzjonijiet ghall-surgenti, izda ir-rikorrent gie negat din il-promozzjoni li minflok inghataw lill-Lance bumbardiera li kellhom anqas kwalifiki u seniority minnu.

4. Illi ir-rikorrent jipposjedi certifikati ta' Trade A III, mis-City & Guilds of London Institute ghar-radio, Television and Electronic Mechanics - Dok A.

5. Illi ir-rikorrent attenda wkoll ghall-course ta' radio operator u nghata Trade B III u wara fil-fatt intbaghat mas-Second Regiment ta' Hal Safi biex jahdem bhala radio operator, filwaqt li ghamel ukoll patrol fit-toroq u gwardjan fil-habs.

6. Illi meta ir-rikorrent kien gunner kien jaghmel xoghol b'certi responsabbilitajiet akbar minn dak li suppost kien jaghmel. Fil-fatt f'dan iz-zmien ir-rikorrent kien gie ingaggat mit-Task Force u gie posizzjonat fil-fortizza tas-Silg ta' Delimara fejn kien jiehu hsieb ghoxrin membru tad-Dejma li kien living in barracks billi jaghmilhom id-drill ta' kanuni, jorganizza l-ghassa taghhom, jqassam il-maintenance tal-post u fil-kaz ta' red alert jarma erba' kanuni.

7. Illi sussegwnetement, ir-rikorrent rega' ntbaghat mas-Second regiment u gie posted mal-air Defence Battery u ghadu hemm sallum.

8. Illi kif jirrizulta minn dak kollu suepost, minkejja l-kwalifiki u s-seniority ta' ir-rikorrent ma nghatax il-promozzjonijiet tas-surgent li kien intitolat ghalih (Dok B-E).

Illi huwa kien bi hsiebu jgib sabiex isostni l-ilment tieghu, ix-xhieda fl-elenku anness, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dan l-ilment u dan skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u dan billi jigi rrimedjat billi jinghata l-promozzjni li gie negat u jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta li eccepixxa:-

Illi dwar il-fatti allegati fir-rikors huwa ghandu xi jghid is-segwenti.

Illi r-rikors promotur huwa inammessibli fit-termini ta' l-Artikolu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 peress illi r-rikorrent naqas li jipprevalixxi ruhu mill-mezz ta' rimedju provdut fl-Artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Illi bejn is-snin 1990 u l-1995 sar ezercizzju tal-promozzjoni wiehed biss cioe dak tal-1992 u ghaldaqstant ir-rikorrent mhux korrett f'dak li qed jallega.

Illi jirrizulta li fil-promozzjonijiet li saru b'effett mill-20 ta' Jannar 1992 hadd junior tar-rikorrent ma kien gie promoss ghar-rank li hu kien qieghed jaspira ghalih u ghaldaqstant ma saret l-ebda ingustizzja mieghu.

Illi jidher li l-promozzjonijiet saru skond ir-rakkomandazzjoni tal-Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta ta' dak iz-zmien u stante li l-promozzjonijiet fl-Armata ma jinghatawx abbazi ta' anzjanita u kwlifiki biss, izda primarjament abbazi ta' efficjenza kif ukoll abbazi ta' ghazla biex timtela vakanza, dejjem skond ir-regolamenti applikabbli, cioe, l-avviz legali Nru 91 tal-1970, u ghaldaqstant dak allegat mir-rikorrent, wahdu, ma jammontax ghal prova li saret xi distinzjoni.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, fl-ewwel lok, dan it-Tribunal ghandu jiddiklina li jezercita il-gurisdizzjoni tieghu , u sobbordinatament ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ghaldaqstant ghar-raguni fuq premessi, dan it-Tribunal ghandu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrent.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fil-15 ta' Gunju, 1999 l-intimat irtira l-eccezzjoni bazata fuq l-artikolu 161 ta' l-Att dwar il-Forzi Armati.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Zied li fis-sena 1989 hargu diversi promozzjonijiet, izda hu ma hax promozzjoni ghall-Lance Bombardier. Fost dawn semma lil 85010 Gnr. Joseph Muscat, 85544 Gnr Poulton, Sgt. Gatt 86023 u 85738 Sgt. Grima. Regghu hargu promotion order fl-1992 izda hu ma hax promozzjoni ghal bumbardier minkejja d-diversi kwalifiki u esperjenzi u rakkomandazzjonijiet.

Lt. Col. Mario Schembri ipprezenta lista ta` promozzjonijiet li saru fit-tieni regiment mir-rank ta` Lance Bumbardier ghal Bumbardier b` effett mill-20 ta` Jannar 1992. Isem ir-rikorrent jidher l-ahhar wiehed fil-lista mhux ghax ha promozzjoni izda biex jigi muri postu fis-seniority dak in-nhar tal-promozzjoni. Bhala seniority lir-rikorrent ma qabzu hadd fil-promozzjoni.

B` riferenza ghad-Dokument "MS1A" li hemm esebit a fol 30 u 31 tal-process, Raymond Cini ma kellu xejn kwalifiki, izda kien

senior tar-rikorrent. Esebixxi lista ohra Dokument “MS2” u fiha dawk kollha li jidhru bil-griz ma kienux promossi f` dak l-exercise. Il-Kurunell Schembri qal: “L-iskop ta` din il-lista hija biex nuru li kien hemm Lance Bumbardiera ohrajn, senior aktar mir-rikorrent, uhud minnhom bi kwalifiki aktar mir-rikorrent imma fuq rakkomandazzjonijiet ta` min kien imexxi r-regiment dak iz-zmien, ma nghazluz. Billi Galea ma nqabez minn hadd f` dak l-ezercizzju ta` promozzjonijiet din il-lista biha rridu nuru li jekk stess kelu jkun hemm post iehor, ma kienx ikun ghal Galea Mario imma kien ikun ghal wiehed mill-ohrajn li fil-fatt ma sarux. Vakanzi ma kienx hemm, b` hekk Mario Galea ma sarx, mhux ghax ma kienx tajjeb. Fil-fatt meta wiehed jara r-recomendations li kien hemm ghal din il-promotion tal-1992 insibu li Galea Mario kien rakkomandat ukoll ghall-promozzjoni. Tant hu hekk li fl-ewwel promotion exercise li kien hemm sar bumbardier u fil-promotion ta` wara sar surgent.”

Ikkunsidra

Illi hawn ghandna sitwazzjoni fejn lir-rikorrent ma qabzu hadd. Issa fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta’ Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

“Issa fil-fehma ta’ dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b’mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f’xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-

seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

It-Tribunal ghandu l-obbligu li jara li ma jkunx hemm ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha. Meta wiehed ihares lejn l-iskeda a fol 32 u 33 hu lampanti li saret ingustizzja mhux biss mar-rikorrent izda ma' hafna ohrajn ukoll meta Lance Bombardier Raymond Cini minghajr ebda kwalifiki fl-Army Certuificate of Education u minghajr Trades qabez kwantita ta' nies aktar kwalifikati u aktar senior tieghu. Ma hemm hadd fil-lista li bhala ACE ghandu Nil u bhala Trades ghandu Nil u xorta wahda hu sar u haddiehor le. Dan jammonta ghal ingustizzja. L-argument tal-intimat li ma ghandux jilhaq ir-rikorrent ghax kieku ma sarx Cini xorta wahda kien jilhaq haddiehor mhux validu. Kulhadd kellu d-dritt li jintavola rikors – hemm min ghamel dan u min le. Ir-rikorrent kellu dan id-dritt u uzah.

Ghalhekk jichad l-eccezzjoni tal-intimat ghal dawn il-motivi, jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Bumbardier b'effett mill-20 ta' Jannar, 1992 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.